MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 35/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel sive Charles Demicoli**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-7 ta' Settembru 2007 kontra Carmel sive Charles Demicoli li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Mejju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi Carmel sive Charles Demicoli mhux hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza izda hati talli fi glieda accidentali fejn safa maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur tal-omicidju, l-imsemmi Demicoli ha parti attiva kontra l-maqtul, b'dan illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt, iddikjarat lill-istess Carmel sive Charles Demicoli mhux hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza izda hati talli fi glieda accidentali fejn safa maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur ta' l-omicidju, ha parti attiva kontra l-maqtul, b'dan illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti kkundannat lill-imsemmi Carmel sive Charles Demicoli ghall-piena ta' sitt snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas il-perijodu li huwa ghamel taht arrest preventiv, u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn tmien mija u sittax-il euro u tnax-il centezmu (€2,816.12), import ta' l-ispejjez peritali nkorsi f'din il-kawza, u dan wara li qieset is-segwenti:

**"Semghet lill Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-Carmel sive Charles Demicoli u l-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni jittrattaw dwar il-piena;**

**"Rat illi skond l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali fil-proviso tieghu, r-reat li tieghu Charles Demicoli instab hati skond il-verdett igib il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames snin sa tnax il-sena.**

**"Hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom:**

**"Il-fatt li l-hati ilu disa' snin *awaiting trail* fuq l-akkuza ewlenija ta' omicidju volontarju li dwarha issa ma nstabx responsabbili;**

**"Il-fatt li f'dina l-glieda l-hati ma kienx l-uniku wiehed involut u li kien hemm episodji fl-incident li huwa ma kellux x'jaqsam maghhom izda li wkoll wasslu ghall glieda;**

**"Ikkunsidrat pero` li l-hati ma qaghadx lura biex jevita l-inkwiet imma fittex u rreagixxa vjolentement ghall-Filippin li ma kien ghamillu xejn li jimmerita li jinghata daqqa b'banketta bil-konsegwenzi li seta' jara fejn setghu jwasslu li f'dan l-incident spiccat persuna mejta.**

**"Rat il-fedina penali tal-hati;**

**"Ikkunsidrat li fejn jidhlu atti ta' vjolenza dawn il-Qrati japplikaw piena karcerarja;"**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel sive Charles Demicoli pprezentat fis-26 ta' Mejju 2009 fejn talab li din il-Qorti tvarja u tibdel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja ta' Montalban f'perikolu car ikkagunalu l-mewt, u tirrevokaha u thassarha in kwantu sabitu hati abbazi tal-verdett tal-gurija talli fi glieda accidentali fejn safa maqtul Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur ta' l-omicidju ha parti attiva kontra l-maqtul b'dan illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt, u dan billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi; u f'kaz illi din il-Qorti tasal biex issib htija, illi timmodifika l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz skond il-ligi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma essenzjalment (1) li kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi peress illi l-ewwel Qorti (i) halliet lill-gurija fil-ghama dwar it-tifsira tal-kelma "setghat" fil-*proviso* ta' l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali, u (ii) ma spjegatx car kemm irid ikun hemm nies fir-rissa; (2) li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant (allura

akkuzat) ha parti attiva fir-rissa; (3) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena nflitta setghat inghatat fil-minimu taghha, filwaqt illi l-ispejjez mhumiex dovuti.

**6.** Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellant isostni illi l-gurija ma dehritx illi kellha spjegazzjoni cara dwar certi elementi tad-delitt tar-rissa, partikolarment il-*proviso*. L-appellant jghid illi l-ewwel verdett kampjun imhejji mill-Qorti ma kellu l-ebda alternattiva ta’ xi verdett bazat fuq l-artikolu 237 inkluz il-*proviso*, u kien wara li l-prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi dan il-verdett seta’ kien possibbli illi gie nkluz. Skond l-appellant, il-gurija ma tantx fehmet l-import tal-*proviso* ghaliex wara li l-gurija dahlet sabiex tiddelibera hija nfurmat lid-deputat registratur illi kellha kwezit. Meta regghet harget il-gurija, riedet tkun taf aktar dwar il-*proviso*, partikolarment kemm irid ikun hemm nies biex jista’ jkollok rissa. L-appellant jaghmel referenza ghal dan il-kwezit u r-risposti tal-Qorti u jghid li l-gurija thalliet ghal kollox fil-ghama ghal dak li tfisser il-kelma “setghat” fil-*proviso* ta’ l-artikolu 237, b’mod illi din inghatat tifsira illi anke jekk possibilment “setghat” gabet il-mewt allura ghandu japplika l-*proviso*. L-appellant iqis din bhala interpretazzjoni, u allura applikazzjoni, hazina tal-ligi li kellha influwenza fuq il-verdett.

**7.** L-appellant izid jghid illi di piu` ma kienx hemm spjegazzjoni cara dwar kemm irid ikun hemm nies fir-rissa, b’mod ghalhekk illi meta fil-kaz odjern l-argument inizjali kien bejn l-appellant u Montalban biss fil-mument li ntefghet il-banketta, dan gie interpretat illi diga` b’daqshekk kien hemm ir-rissa u kwindi l-appellant kien qed jiehu sehem attiv fiha. Skond il-gurisprudenza taghna u anke d-dottrina, jghid l-appellant, mill-inqas iridu jkunu hadu parti attiva kontra l-offiz zewg persuni, b’mod li ma jkunx jista’ jinsab min minnhom kien l-awtur ta’ l-offiza. L-appellant ikompli jghid illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi fi glieda biss bejn zewg persuni, u cioe` l-offiz u persuna ohra, qatt ma jista’ jikkonfigura ruhu dan ir-reat partikolari li, kif jghid il-Carrara, hu bazat fuq “l’incertezza dell’autore”. Ma jistax ikun hemm din l-incertezza meta kontra l-offiz ikun ha parti biss bniedem wiehed, kif inhu l-kaz odjern sal-mument li l-appellant jghid li gie ppruvat li

kien involut. Ir-rissa bdiet, itemm jghid l-appellant, ezattament wara u dak li spinga r-rissa kienet l-aggressjoni ingusta ta’ certu Priolo li tefa flixkun tal-birra lejn id-direzzjoni tan-nies. Fil-fehma ta’ l-appellant, ghalhekk, kienu dawn l-incertezzi li wasslu sabiex il-gurija tasal ghall-htija tad-delitt tar-rissa inkluz il-*proviso*.

**8.** Din il-Qorti ezaminat l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri kif ukoll l-osservazzjonijiet li ghamel l-istess Imhallef ghall-kwezit tal-gurati. Huwa evidenti l-ewwelnett illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri pprova jissimplifika kemm seta’ l-ispjegazzjoni li ta ta’ omicidju in rissa. Huwa minnu pero` illi ma tax spjegazzjoni tal-kelma “setghat” fil-*proviso* – cioe` li l-prova ghandha tkun bazata fuq il-probabbli u mhux il-possibbli – izda mill-banda l-ohra qal li l-korissanti jista’ jkunu almenu tlieta. Dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk minhabba l-imsemmi nuqqas saritx amministrazzjoni hazina tal-ligi. Ghalhekk sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni aggravju li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi.

**9.** Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx minghajr dubju dettat mir-raguni illi huwa ha parti attiva fir-rissa. Jghid illi l-uniku involviment tieghu kien meta f’mument minnhom Priolo tefa’ flixkun tal-birra fid-direzzjoni tieghu u Johann Briffa (il-bobo) tar ghal fuq Priolo; kif l-appellant ra lil Montalban ser iqum sabiex jaqbez ghal Priolo, tefaghlu banketta. Hadd mix-xhieda li xehdu dwar kif qamet dgegwigija ma qal li ra lill-appellant fil-glieda mal-Filippini. L-appellant jghid illi huwa cahad *a tempo vergine* li sawwat jew ghamel offiza fuq Montalban. Jispjega illi kif ra dik id-dgegwigija hareg ‘il barra. Caprice Naudi xehdet kif kienet hierga ‘l barra u ftit mumenti wara hareg l-appellant. L-appellant jghid illi r-rissa bdiet fil-hanut u kompliet barra, u m’hemm l-ebda prova illi huwa ha parti attiva fiha. Barra minn hekk, mhux maghruf f’liema mument tar-rissa saret id-daqqa mortali. Jghid illi ma jistax jigi prezunt illi peress illi tefa l-banketta, allura baqa’ jiehu parti attiva fir-rissa. Kwindi ma setax jinsab hati ta’ dan ir-reat la bil-*proviso* u lanqas minghajru.

**10.** L-appellant imbaghad jirreferi ghas-sinifikat tal-kelma "setghat" fil-*proviso* ta' l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali. Jghid illi din il-kelma ma jista' qatt ikollha tifsira bbazata fuq dak li jista' jkun possibbli. U jkompli jispjega:

"Dan mhux biss ghaliex id-dottrina legali tghallimna illi l-ebda parti fi process gudizzjarju ma tista' tistrieh fuq dak li jista' jwasslek ghal-possibbli, izda wkoll ghaliex il-prosekuzzjoni bhala regola trid tasal ghall-konvinciment morali. Fit-test Ingliz tal-istess imsemmi artikolu l-ligi tistipula l-kliem ***'from which death might have ensued'***.

"Il-mod kif inhi mnaqqxa din il-kelma f'dan il-*proviso* juri illi s-sinifikat taghha hu wiehed fejn wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq bazi tal-probabbli. Dan l-istess kriterju insibuh ukoll fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-legislatur espressament ried illi biex jitqies jekk offiza setghatx iggib il-perikolu imsemmi wiehed irid jara jekk dan il-perikolu kienx probabbli minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiza.

"Fil-kaz odjern, kif diga` ntqal, il-gurija ma kellhiex bir-rispett linji gwida legali mill-Qorti ta' x'tista' tfisser din il-kelma. Ma hemmx dubju illi biex il-gurija waslet ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 237 bil-*proviso*, bil-fors illi hija hasbet illi t-tifsira tista' tkun wahda bbazata fuq il-possibbli. Dan qed jinghad ghaliex kif ser jissemma' aktar tard f'dan ir-rikors ma hemm l-ebda prova bazata fuq il-probabbli li l-esponenti kkaguna xi offiza fuq Montalban li biha probabbilment setghat saret il-mewt."

**11.** Fuq din il-kwistjoni fil-fatt l-appellant jirreferi ghall-offizi riskontrati mill-periti medici, u cioe` (1) lacerazzjoni suturata fuq is-*supraorbital ridge* tal-ghajn ix-xellugija, (2) *haematomae* madwar l-ghajnejn, (3) dbengil vjola fuq l-aspett medjali u anterjuri tad-driegh tax-xellug, u (4) frattura li kellha punt tal-impatt fuq in-naha tax-xellug tal-*occipital bone*. Jghid illi l-periti jaqblu illi l-offiza li kkagunat il-mewt kienet l-offiza ndikata bin-numru erbgha (4) u l-ebda wahda mill-offizi l-ohra ma setghat tikkaguna l-mewt. L-appellant jargumenta:

“Kif diga` ntqal il-verdett tal-gurija illi lliberatu mill-akkuza ta’ omicidju volontarju jfisser illi l-esponenti ma kienx responsabbli ghall-offiza mortali ta’ fuq wara tar-ras ta’ Montalban. Il-gurija waslet ghal din il-konkluzjoni minn serje ta’ provi diretti u cirkostanzjali u cioe` d-demm li nstab mal-banketta mentri fejn kien hemm l-impatt tal-offiza mortali ma hareg l-ebda demm, ix-xiehda ta’ Joseph Mifsud u Mandy Ellul li l-banketa laqtet lil Montalban frontalment fuq quddiem lejn ix-xellug, ix-xiehda tal-esponenti stess fl-inkjesta, il-fatt li l-periti jghidu illi b’daqqa vjolenti bhal dik li kellu fuq wara ta’ rasu Montalban dan kien jintilef minn sensieh, mentri hemm xhieda li rawh jaghmel manuvri b’saqajh meta kien qed jitwaddab ‘il barra minn Sammy Mifsud, u fatti ohrajn. Ifisser dan il-verdett tal-gurija illi din l-offiza mortali fuq Montalban giet ikkagunata minn persuna injota f’rissa li ma kienx l-esponenti.

“Minn din id-deduzzjoni l-verdett tal-gurija jfisser allura illi l-esponenti kkaguna fuq il-persuna ta’ Montalban xi offiza ohra. Meta wiehed jirreferi ghall-offizi li gew konstatati fuq il-persuna ta’ Montalban, wiehed bil-fors irid jiddeduci illi l-gurija kellha biss xelta tal-offizi deskritti supra bin-numri 1, 2 u 3.

“Tenut kont illi t-tifsira tal-kelma ‘setghat’ tista’ biss tiftiehem li ‘probabbilment’ setghat, l-ebda wahda mill-ofizi deskritti 1, 2 jew 3 ma setghat qatt tikkaguna l-mewt ta’ Montalban. Il-periti kategorikament waslu ghall-konkluzjoni li lanqas l-offiza 1 ma setghat gabet il-mewt ta’ Montalban. Ghalhekk ragonevolment u legittimament il-gurija ma setghatx, anke hawn, tasal ghall-htija.

“Ghandu jinghad ukoll f’dan il-kuntest illi l-gurija wkoll ma sabitx lill-esponenti hati tad-delitt ta’ offiza gravi segwita bil-mewt. Dan ifisser ukoll illi l-esponenti mhux biss ma kkagunax l-offiza mortali fuq wara r-ras ta’ Montalban, izda lanqas ma kkaguna xi offiza gravi ohra li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza.”

**12.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, inkluz dawk ta' l-istruttorja, sabiex tiddetermina jekk il-gurati setghux, legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-verdett li waslu ghalih. Dak li jirrizultalha mill-provi huwa s-segwenti.

**13.** Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru 2000, numru mdaqqas ta' nies kienu qeghdin jiffesteggjaw fic-Cherries Bar, fil-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia. Fosthom kien hemm l-appellant mat-tfajla tieghu, Caprice Naudi, flimkien ma' huh Shaun Demicoli. Hin minnhom certu Roderick Pace (il-kanarin) u Noel Falzon (il-ggant) waqghu fuq mejda li maghha kien hemm grupp ta' Filippini, u waqqghulhom il-fliexken tal-birra li kellhom fuq il-mejda. Roderick Pace habat rasu, mar it-toilet biex ixarrabha, hareg, ma felahx ghall-istorbju li kien hemm[1], u telaq 'il barra. Noel Falzon (li kien taht l-influwenza ta' l-alkohol) beda jargumenta, ikellem hazin lil Saviour Mifsud (wiehed minn ulied il-*licensee*) u dak il-hin Michael Mifsud u Joseph Mifsud (ukoll ulied il-*licensee*) u Shaun Demicoli hargu lil Noel Falzon 'il barra mill-hanut. L-appellant xehed illi huwa mar wara huh biex jghidlu ma jindahalx. Sadattant Claudio Priolo (wiehed miz-zewg Filippini li kienu baqghu mal-mejda – l-iehor kien Perfecto Rabino Montalban, il-vittma) beda jirreklama l-birra li kienet twaqqghetilhom. Inghataw erba' fliexken izda huwa nsista ghal tmienja peress illi kienu tmienja l-fliexken li kienu twaqqghulhom. Sa hawn jidher li kollox kien rega' ghan-normal.

**14.** L-appellant xehed[2] illi kif rega' dahal gewwa ra lill-habib tieghu Johann Briffa (il-bobo) u ra liz-zewg Filippini jharsu lejh bl-ikrah u wiehed minnhom (il-vittma) kellmu hazin bl-Ingliz. Huwa resaq lejh biex jara ghaliex kien qed jghidlu hekk, gholla idejh, u qaleb tazza birra ghal fuq il-mejda taghhom. Bethany Cassar xehdet[3] dwar dan l-incident u qalet illi f'dan il-mument l-appellant rega' dar u beda miexi 'l barra meta Claudio Priolo tefa flixkun fid-direzzjoni tieghu. Johann Briffa jghid illi l-flixkun laqat lilu. Skond l-appellant, Briffa "tar" ghal fuq Priolo. Johann

---

[1] Atti ta' l-istruttorja a fol. 576.
[2] Atti ta' l-inkjesta a fol. 204 .
[3] Atti ta' l-istruttorja a fol. 1087.

Briffa stess jghid[4] illi mbotta lil Priolo, tah daqqa go halqu, Priolo nizel ma' l-art u Briffa nizel fuqu. U hawn jidher li "ghaqdet". Briffa jghid illi waqt li kien qieghed jissara ma' Priolo "bdiet tohrog xi daqqa ta' sieq ukoll minn gos-saqajn" ta' madwaru. Sadattant, l-appellant jghid[5] illi ra lil Montalban iqum minn fuq il-banketta biex imur jghin lil siehbu u kif ra hekk qabad banketta u xehithielu. Montalban waqa' ma' l-art. Skond l-appellant, il-banketta laqtet lil Montalban fuq il-genb ta' wiccu x-xellugi u parti minn ghonqu (fl-istqarrija[6] jsemmi l-parti tax-xellug ta' rasu u widnejh). L-appellant jichad li wara li laqat lil Montalban bil-banketta, tah ukoll bil-ponn jew bis-sieq. Fl-istqarrija tieghu[7] l-appellant jghid illi wara li Montalban waqa' ma' l-art, hadd ma resaq lejh u ma ra lil hadd jaghtih xi daqqiet la ta' ponn u l-anqas bis-sieq. Huwa telaq 'il barra ghax gie sprejjat il-gass tad-dmugh. Minn xhieda ohra pero` jidher li l-kwistjoni ma waqfitx hawn. Montalban spicca wkoll imdawwar

**15.** Ramona Briffa tghid[8] li wara li ntefa' l-flixkun (minn Priolo), huwa Johann, l-appellant u grupp ta' nies li kienu warajhom u madwar ic-Cherries resqu lejn il-Filippini u bdiet tisma' ghajjat ta' glied. Hi kienet hdejn il-bieb ta' barra izda dahlet aktar 'il gewwa u sadattant il-glieda kienet iccaqilqet minn hdejn il-mejda tal-Filippini ghal fejn is-sufan tal-hajt tan-naha tat-toilet. Imbaghad rat lil Saviour Mifsud ikaxkar Filippin minn idu u kif wasal hdejn il-bieb ta' barra, "qabdu u tefghu minn gol-bieb"[9].

**16.** Elaine Attard tirrakkonta[10] kif rat lil Johann Briffa itir fuq xi hadd u jaghti bis-sieq u nqalghet dgegwigija "kwazi xi hmistax-il persuna kollha madwarhom, kulhadd jaghti bl-idejn u hekk." Ix-xhud spjegat ukoll kif il-glieda kienet qed tispostja ruhha bejn is-sufan u l-magna tas-sigaretti. Qalet li mbaghad rat lil Sammy (Saviour Mifsud) ikaxkar

---

4 Atti ta' l-inkjesta a fol. 188.
5 Atti ta' l-inkjesta a fol. 206 *et seq.*
6 Atti ta' l-istruttorja a fol. 27.
7 *Ibidem*.
8 Atti ta' l-istruttorja a fol. 962 *et seq.*
9 Bejn il-bieb ta' barra tac-Cherries u l-parapett hemm seba' targiet – ara ritratt 00DKK106 a fol. 314 ta' l-atti ta' l-istruttorja.
10 Atti ta' l-istruttorja a fol. 1017 *et seq.*

Filippin “minn go nofs dawn in-nies” sal-bieb ta’ barra. Aktar tard rat dan l-istess Filippin bilqieghda fuq il-bankina jserrah mal-hajt. Mill-provi jirrizulta li Michael Mifsud kien ra lil Montalban mixhut fuq il-bankina u serrhu bilqieghda mal-hajt. Minn dan huwa evidenti illi l-glieda ma kinitx biss madwar Priolo izda anke madwar Montalban.

**17.** Bethany Cassar ukoll rat l-incident fejn xi hadd mill-Filippini qal xi haga lill-appellant, l-appellant dar lejh, beda jxejjer b’idejh u laqat tazza minn fuq mejda vicin il-Filippini. Imbaghad l-appellant kien sejjer ‘il barra meta Filippin tefa flixkun li nkiser fejn saqajn l-appellant. F’daqqa wahda Johann Briffa ha rankatura ghal fuq Filippin u, billi kien hemm tlett itfal zghar, hija marret twarrabhom biex ma jweggghux, “u kif ser nigbidhom rajt balla nies fejn kien hemm il-Bobo, kienu qishom qeghdin jiggieldu”. Kienu qeghdin baxxi “qishom qeghdin jaghtu lil xi hadd ma’ l-art”. Lit-tfal hadithom in-naha opposta tal-hanut fejn kien hemm il-billiard. Meta giet biex tohrog, rat “balla nies ohra hdejn il-kaxxa tas-sigaretti”. Dawn ma kinux inklinati izda dehru li kienu qed isawtu lil xi hadd. Kienu “qishom ifferocjati”.[11]

**18.** Claire Polidano, it-tfajla ta’ Noel Falzon, xehdet illi waqt l-argument ma’ Noel hija spiccat fit-toilet. Hin minnhom fethet il-bieb u rat “konfuzjoni, hafna nies jaqbzu fuq xulxin u mejda ttir”.

**19.** Stanley Spiteri jiddeskrivi[12] dak li gara wara li ra flixkun itir min-naha tal-Filippini bhala “huggiega qed tiehu n-nar”. Hin minnhom, meta kien allura ntefa l-gass tad-dmugh, ra lil Sammy (Saviour Mifsud) ghaddej bil-Filippin fid-direzzjoni tal-bieb ta’ barra. Dak il-hin kien qiegħed izomm lill-Filippin mill-flokk (ta’ kulur ahmar – gie stabbilit li dakinhar Montalban kien liebes t-shirt ahmar) u mill-qalziet mill-parti t’isfel ta’ dahru. Hu u hiereg imbaghad ra zewg Filippini mixhutin fuq il-bankina.

---

[11] Atti ta’ l-istruttorja a fol. 1078 – 1145.
[12] Atti ta’ l-istruttorja a fol. 1153.

**20.** Marlon Mifsud (wiehed mill-ahwa Mifsud ulied il-*licensee*) kien ic-Cherries fil-gurnata in kwistjoni u assista ghall-incident li kien involut fih Noel Falzon u ghall-hrug 'il barra ta' dan Falzon mill-istabbiliment. Fil-fatt jghid illi segwihom 'il barra.[13] Meta rritorna ma' huh Michael (wara li gew avzati minn certu Philip Vella li kienet qamet glieda), ra lill-Filippin tat-t-shirt ahmar (Montalban) mitluq fuq il-bankina u lil Johann Briffa jimbotta lil Priolo 'l barra. Dan "trembel, tqalleb naqra, qam fuq saqajh, serrah naqra mal-hajt u telaq lejn il-Freeport".[14]

**21.** Minn dan kollu huwa evidenti illi l-appellant kien kompartecipi fir-rissa li zviluppat gewwa c-Cherries Bar fil-gurnata in kwistjoni, u dan sija jekk, kif isostni, l-unika haga li ghamel kienet li ta daqqa ta' banketta lil Montalban, *multo magis* jekk baqa' f'dik il-migemgha ta' nies li kienu qeghdin isawwtu lill-Filippini. Effettivament filwaqt illi Johann Briffa sferra l-attakk fuq Priolo, l-appellant sferra l-attakk fuq Montalban.

**22.** Issa, l-appellant gie originarjament akkuzat bl-omicidju volontarju ta' Montalban. Minn dik l-akkuza pero` gie lliberat, u minflok instab hati tad-delitt kontemplat fl-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali bil-*proviso*. L-artikolu 237 jikkontempla s-sitwazzjoni fejn issehh glieda accidentali li fiha xi hadd jinqatel jew issir offiza fuq il-persuna, u l-awtur ma jinsabx. Il-*proviso* pero` jipprovdi piena oghla fil-kaz ta' omicidju ghall-persuna jew il-persuni li jkunu ghamlu, fuq il-persuna li giet maqtula, "offiza li setghat tikkaguna l-mewt" (fit-test Ingliz *"from which death might have ensued"*). Jigifieri l-persuna jew persuni li jkunu ghamlu tali offiza jridu jkunu identifikabbli u inoltre l-offiza trid tkun tali li minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali taghha setghet, almenu fuq bazi ta' probabbilta`, tikkaguna l-mewt, ghalkemm fil-fatt <u>ma tkunx ikkagunat il-mewt</u> – il-mewt tkun sehhet minhabba xi offiza jew offizi <u>ohra</u> maghmula minn persuna jew persuni li jibqghu mhux maghrufa izda li jkunu hadu parti attiva fir-rissa (u li

[13] Tajjeb li jinghad illi Noel Falzion gie akkompanjat sa hdejn il-bar tieghu fl-istess triq li jismu Laura's Place.
[14] Atti ta' l-istruttorja a fol. 464 – 499.

possibilment anqas ikunu tressqu akkuzati b'omicidju f'rissa).

Il-Crivellari[15] jghid:

**"Nella rissa e` avvenuto un omicidio: tutti i corrissanti, se non per volonta` diretta, almeno per volonta` indiretta o per colpa, ne sono responsabili; dunque meritano una pena; non l'ordinaria dell'omicidio, ma straordinaria, appunto perche` e` ignoto colui che materialmente la consumava.**

**"E`, pero`, regola rigorosa dettata dalla scienza che non possa essere applicata la pena straordinaria se non quando sia assolutamente ignoto l'autore dell'omicidio e non esista a carico di alcuno dei corrissanti preponderanza di prova per crederlo omicida, perche`, in questo caso, dev'essere punito come tale egli solo. *Ictus uniuscumque contemplare oportet*. Vuolsi, inoltre, dalla scienza che, ignoto l'autore dell'omicidio, siano puniti di pena straordinaria solo coloro che si sono impegnati nella rissa."**[16]

Il-Crivellari jirreferi wkoll ghal sentenza tal-Cassazione ta' Palermo tat-12 ta' Dicembru 1866 fejn intqal:

**"Se fuori del caso della rissa siano a taluno arrecate per mano di piu` feritori, piu` ferite mortali, delle quali pero` una gli tronchi immediatamente la vita, prima che le altre abbiano potuto produrre il loro effetto nocivo, vale a dire la morte, e d'altronde sia certo quale tra i feritori fu l'autore della lesione che cagiono` veramente la morte; questo solo e` tenuto d'omicidio, mentre gli altri devono rispondere di ferimento. Ma se l'uccisione accade in una rissa, tutti i corrissatori che avranno arrecato ferite mortali debbono rispondere dell'omicidio, senza avere**

---

[15] Giulio Crivellari, **Il Codice Penale per il Regno d'Italia, Vol. VII** (Unione Tipografico – Editrice, Torino, 1896).
[16] Pagna 961.

**riguardo a quella tra le ferite che prima delle altre abbia prodotto la morte."**[17]

**23.** Fil-kaz odjern kienet wahda l-"ferita mortali". L-esperti medici kienu certi dwar liema offiza, li sofra Montalban, ikkawzat il-mewt, dik fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Huma fil-fatt identifikaw *impact point* fuq in-naha tax-xellug tal-*occipital bone*. Qalu wkoll li d-daqqa kienet rizultat ta' *blunt trauma* u anke li kienet kompatibbli ma' daqqa ta' banketta. Il-gurati, pero`, ma sabux lill-appellant hati ta' omicidju izda talli fi glieda accidentali fejn safa maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur tal-omicidju, ha parti attiva kontra l-maqtul, b'dan illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-verdett huwa wiehed kontradittorju. Il-gurati kienu qeghdin jiddikjaraw illi ma nstabx l-awtur ta' l-omicidju izda fl-istess hin kienu qed jiddikjaraw li l-appellant kien ghamel fuq il-vittma offiza li setghet tikkawza l-mewt (pero` li ma kkawzatx il-mewt ghax kieku, kif rajna, l-appellant kien jinstab hati ta' omicidju jew ta' offiza gravi segwita bil-mewt). U dan meta, kif diga` gie enfasizzat, kienet saret "ferita mortali" wahda. Difatti gie stabbilit mill-esperti medici illi l-offizi l-ohra li garrab Montalban ma setghux jikkawzaw, u effettivament ma kkawzawx, il-mewt.

**24.** Ghall-kompletezza din il-Qorti ma tistax ma ssaqsix jekk mill-provi rrizultax minghajr dubju ragjonevoli li d-daqqa fuq l-*occipital bone* nghatat mill-appellant. L-appellant jghid li hu xehet il-banketta u, kif diga` osservat *supra*[18] laqat lil Montalban fuq il-genb ta' wiccu x-xellugi u parti minn ghonqu (fl-istqarrija jsemmi l-parti tax-xellug ta' rasu u widnejh). Joseph Mifsud jghid illi ra lill-appellant jaghti daqqa ta' banketta fuq ras Montalban izda ma setax jiftakar liema parti partikolari. Fl-indirizz issir referenza ghal dak li xehdet Mandy Ellul (l-gharusa ta' Joseph Mifsud) fis-sens li d-daqqa ta' banketta kienet fuq mohh Montalban (hekk qalet ukoll fl-inkjesta u kkonfermat fl-istruttorja). U wkoll: "Tghid li bid-daqqa li tah bil-banketa,

[17] Pagna 1001.
[18] Paragrafu 14.

il-Filippin waqa' fuq is-sufan, tghid li ma kienx hemm boghod mill-Filippin meta tah id-daqqa, kienet distanza ta' banketta ta' bejniethom. Tghid li l-Filippin rah gej, x'hin qam il-Filippin, Charles tah daqqa ta' banketta u dan waqa' fuq is-sufan. Tghid li l-Filippin kien bil-wieqfa. Qalet li, il-mistoqsija kienet ta' xi gurat ukoll, jekk kienx aljenat dan il-Filippin meta nghata d-daqqa, tghid li ma kienx aljenat imma kienu gew *face-to-face*."[19] Irrizulta mill-provi wkoll illi fuq il-banketta esebita kien hemm demm tal-grupp A bhal ta' Montalban – mill-offiza mortali ma harigx demm mentri mill-offiza fuq mohh Montalban hareg id-demm. L-esperti medici qalu illi l-offiza fuq mohh Montalban kienet rizultat ta' *blunt trauma* wkoll izda dik ma kiniktx daqqa b'sahhitha, ghal kuntrarju ta' dik fuq il-wara tar-ras li kienet *"a very good blow"*. Qalu wkoll illi kieku l-impatt fuq il-wara tar-ras kienet dovuta ghal waqa' mill-gholi (bhal jekk jintefa' numru ta' targiet) ma kinux isibu radiating fracture (*"the fact that it is radiating implies that there was a very focal point of impact"*) bhalma sabu f'dan il-kaz.

**25.** Stabbilit dan kollu, m'hemmx lok illi din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-ohra ta' l-appellant peress illi huwa evidenti illi s-sejbien ta' htija kellha tkun skond l-artikolu 237(a) tal-Kodici Kriminali <u>minghajr</u> l-applikazzjoni tal-*proviso* fejn allura l-parametri tal-piena huma ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin.

**26.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati talli fi glieda accidentali fejn safa maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur ta' l-omicidju, ha parti attiva kontra l-maqtul, thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija in kwantu nstab illi l-appellant ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt, tirrevokaha wkoll in kwantu l-appellant gie kkundannat sitt snin prigunerija u minflok tikkundannah tliet snin prigunerija, u tikkonfermaha fil-bqija.

[19] Twegiba ghal mistoqsija ta' wiehed mill-gurati jekk kienx aljenat il-Filippin meta nghata d-daqqa (ara traskrizzjoni ta' l-indirizz pagna 42).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------